Minuti tal-laqgħa numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet l-Erbgħa, 9 ta' April, 2025 fil-5.10pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| Skużat: | Sur Nazju Cassar | Kunsillier |

10.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — **Presedenza**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE informa lill-kunsilllieri li is-Sur Nazju Cassar infurmah dal-għodu li ma setax jatttendi għal-laqgħa. Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Rudolph Grima u s-Sur Norbert Grech li daħlu tard.

10.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta preċedenti** — **Minuti**

Is-Sa Charmaine Balzan ressqet amenda għall-Minuti tal-laqgħa numru 9 u din kienet issekondata mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. L-emenda kienet dwar id-dettalji tal-attività tal-Karnival li kienet organizzata fi Frar li għadda. Dawn il-minuti kienu approvati unanimament bl-amenda b'kollox.

10.02.01 **Punti mill-Minuti**

10.02.02 Is-Sur Terence Sant meta kien mistoqsi mis-Sindku, dwar jekk nistgħux noħorġu offerta pubblika (oħra) għas-cctv cameras fuq il-proġett tas-Saqqajja, qal li hu m'għandux oġġezzjoni. — **Cctv cameras fis-Saqqajja**

10.02.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi wara l-konferenza li kellna ftit tal-jiem ilu dwar it-tindif mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni, issa sirna nafu li se jkun hemm oħra fit-30.4.25 u dawn se jagħtuna tliet magni tal-indafa tat-toroq u għaldaqstant dawn irridu ndaħħluhom fil-garage. Peress li bħalissa m'għandniex garage fejn joqgħodu se mmexxu bl-offerta pubblika li se tagħlaq dalwaqt. Dwar il-Baħrija, jidher li s'issa għad m'għandniex post fejn din il-makna tkun ipparkjata bil-lejl. Se jaħdem dwar dan is-Sur Paul Grech — **Garage Makni tal-Indafa tat-toroq u l-Baħrija**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-ġnien li se jsir fuq iz-Zuntier tal-Knisja tal-Baħrija issa ħareġ. Hu qal li qed jantiċipa li joħroġ it-tender fl-aħħar ta' April bidu ta' Mejju biex ikun jista' jibda' x-xogħol. — **Ġnien tal-Baħrija**

* Is-Sur Norbert Grech daħal għal-laqgħa fil-5.20pm

10.03 **Ċedola tal-Pagamenti** — **Ċedola tal-pagamenti**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 368 b'vot unanimu.

10.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi**

**Ċedola tax-xiri u x-xogħliet**

Kienet approvata ċ-ċedola tax-xogħlijiet numru 85. Kien hemm diskussjoni dwar it-tiġrijiet taż-żwiemel nhar is-Sibt, 5 ta' April, 2025 fejn konna kostrretti nibbukkjawlhom 200 barikata bħal dawk tal-Pulizija għas-somma ta' €2,808.00. Il-kunsillieri qalu fil-ħin li dawn it-tigrijiet inżammu, kien hawn chaos fit-traffiku u qablu li mhux se terġa' tirrepeti ruħa din l-attività u jsibu s-sostenn mil-KLR.

10.05 **Approvazzjoni tal-permessi tal-istalls tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa - Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira**

**Stalls tal-Festi - Ġimgħa Mqaddsa**

Il-Kunsill approva l-lista ta' dawn il-ħames bejjiegħa b'dawn il-kundizzjonijiet:

(i) Kenneth Ciangura li m'għandux jarma tinda b'kulur jgħajjat u jistona kif qiegħed jarma u jkerraħ l-inħawi.

(ii) Is-Sur Charlot Vassallo jneħħi l-imwejjed u s-siġġijiet minn quddiem il-bar qabel ma tgħaddi l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għaliex ikun qed jostakolaha.

10.06 Il-proposta tal-Kunsill għall-Jum il-Ktieb (Skema Reġjun Punent)

World Book Day

Fuq proposta tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus, kien deċiż illi bejn l-10:00 u l-11:00 nhar it-23 ta' April, 2025 issir attività fil-librerija pubblika billi jinġiebu t-tfal tal-Iskola Primarja. Għaldaqstant irridu niftehmu mas-Sa Dorita Azzopardi u r-Reġjun Punent li se jisponsorjaw din l-attività. Peress li l-ġurnata taħbat San Girgor u għaldaqstant se tikkonċedi ma' attività oħra tal-Kunsill is-Sa Graziella Brincat u s-Sa Charmaine Balzan mhux se jkunu jistgħu jagħtu daqqa t'id. Is-Sindku appella biex il-kunsillieri l-oħra jagħtu l-kontribut tagħhom.

10.07 Il-proposta tal-Kunsill għall-Clean up (Skema DLG permezz ta' Reġjun Punent

Clean Up

Is-SE ta mal-agenda kopja tal-applikazzjoni mimlija. Madankollu kien deċiż Illi l-Clean up issir fl-1 ta' Settembru, lejlet Jum ir-Rabat fil-5.00pm biex il-filmati ta' din il-clean up jintwerew f'Jum ir-Rabat 2026. Din se ssir id-Dwejra.

** Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti daħal għal-laqgħa fis-18:00.

10.08 Il-proposta tal-Kunsill għall-Attività Rabat Sacrum (Skema DLG)

10.09 **Il-proposta tal-Kunsill għall-Karnival 2026 (Skema DLG)**

Karnival 2026

Is-SE ta mal-agenda draft tal-applikazzjoni mimlija. Madankollu kien deċiż illi l-attività tittella' nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026 fil-Pjazza tal-Parroċċa. Is-Sa Charmaine Balzan li se tkun qed tieħu ħsieb din l-attività qalet illi se jkun hemm bouncy castle, il-Qarċilla, t-Tikka Banda li se tagħmel marċ pass minn quddiem il-ħanut tat-te tal-parkeġġ, sal-Pjazza tal-Parroċċa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa li jkun mitkellem is-Sindku ta' Ħal Safi biex niskambjaw xi affarijiet peress li dawn kellhom *Festa Tfal* b'suċċess filwaqt li l-isem tal-attività se jinżamm minn ta' din is-sena.

10.10 **SPI/SCI/7/2025 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

SPI/SCI/7/25

Ma kienetx trattata

10.11 **Ħarġa tal-Kunsill f'San Girgor**

Ħarġa f'San Girgor

Is-Sa Graziella Galea issuġġeriet li ssir ħarġa għal Marsaxlokk fil-Festa ta' San Girgor. Hija qalet li sabet prezzijiet tajbin għall-ikel f'ristorant Xirokk. F'dan il-punt intqal illi l-anzjani jixtiequ jirrekrijaw ruħhom bit-tombla, ħruġ u xalar u viżti fil-Muzewijiet.

10.12 **Ħatra tal-Bord tal-Intervisti - Sejħa għal Skrivan Skala XVI**

Bord tal-Intervisti

Għal fuq dan il-bord tal-intervisti se jkunu qed ipoġġu dawn l-interviewers: is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Terence Sant flimkien ma' xi ħadd mill-uffiċċju. Il-Viċi Sindku talab biex dawn l-intervisti jsiru wara t-15:00

10.13 Punti Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 10.13.01 | **Hotel fi Triq Gorg Borg Olivier**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri li hu, is-Sur Rudolph Grima u s-SE reġgħu iltaqgħu mar-residenti li qed joġġezzjonaw flimkien mal-KLR dwar il-bini ta' din il-lukanda ta' tliet stilel fi Triq Gorg Borg Olivier. L-oġġezzjoni dwar din il-hotel hija li mhux qed naqblu li tkun waħda ta' tliet stilel biss u fuq in-naħa ta' wara se jkun hemm entertainment bħal disco b'volum għoli għal ħinijiet twal bil-lejl. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li saritlu talba biex dawn ir-residenti jqabbdu avukat u dan jitħallas mil-KLR. Dwar din tal-aħħar ma kienx hemm qbil. | Hotel fi Triq Gorg Borg Olivier |
| *** | Is-Sur Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fis-6.40pm | |
| 10.13.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ressaq talba lill-Kunsill illi nibdew nagħtu rimunerazzjoni lis-Sur Domenic Camilleri li qed jaħsel u jnaddaf kull nhar ta' Sibt, il-Muniċipju. Il-Kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni dwar dan. Ir-rimunerazzjoni trid tiġi miftehma. | Tindif tal-Kunsill |
| 10.13.03 | Is-Sa Graziella Brincat ressqet talba biex nitolbu l-assistenza tal-Pulizija tal-Komunità / LESA biex ma jkunx hemm coaches jimblukkaw residenzi fi Triq taċ-Ċagħki meta t-tfal ikunu skola. Dan qed iwassal biex fis-07:00 qed ikun hemm traffiku u konfużjoni. | Chaos tat-traffiku f'Taċ-Ċagħki |
| 10.13.04 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ippropona li ssir laqgħa mal-Arċipriet, Gwardjani u Pirjoli tal-Knejjes biex niddiskutu magħhom ħalli nikkollaboraw flimkien speċjalment meta jkunu ġejjin funzjonijiet bħal Ġimgħa Mqaddsa, kif fil-fatt ġejja. F'dan il-waqt is-Sa Charmaine Balzan issuġġeriet illi jsiru l-viżti ta' Ħamis ix-Xirka flimkien bħala Kunsill. Hawnhekk is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-attività li kienet saret tas-seba' knejjes minn kor li kien kanta a capella fis-sena 2024. Is-Sa Graziella Brincat issuġġeriet ukoll li jitpoġġew fjakkoli per eżempju fuq is-Saqqajja. | Suġġerimenti |
| 10.13.05 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa biex nhar it-18 ta' Mejju 2025 issir attività bir-roti. Hu ppropona li t-tluq ikun mill-Għajn ta' Għajn Qajjet jgħaddu mil-Lunzjata u jmorru l-Imtaħleb. Hu qal li għal min ma jsuqx ir-rota se jinkrew ir-roti apposta. Hu issuġġerixxa li jitqassam xi frott u jittieħdu ritratti fejn jinstab li jkun hemm *illegal dumping*. Hu qal li hemm ċans li nġibu sponsor u tittella' rota għal min se jattendi. Dan kollu se jkun qed isir biex nippromwovu l-pedestrianisation u biex ir-residenti jużaw trasport alternattiv fir-Rabat. | Attività bir-roti |
| 10.13.06 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq petizzjoni permezz ta' e-mail kontra l-operat tal-barriera ta' Santa Katerina. Minkejja li din il-petizzjoni (mhux iffirmata) ma setgħetx titpoġġa fuq l-agenda wara li kienet ippubblikata, se nitolbu appuntament mas-CEO tal-ERA dwar dan u se tkun diskussa darba oħra. | Barriera ta' Santa Katerina |
| 10.13.07 | Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett tal-pavimentar tal-isqaqien. Hu qal li wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-finanzjament tal-Malta Tourism Authority, dawn ix-xogħlijiet se jsiru minn Infrastructure Malta. Hu żied jgħid illi dawn se jkunu qed jidderieġu t-turist reliġjuż speċjalment b'panels informattivi. | Rotot Reliġjużi |
| *** | Is-Sur Terrence Sant u s-Sur Paul Grech telqu mil-kamra fid-19:50 | |
| 10.13.08 | Is-Sur Rudolph Grima ressaq dawn il-persuni biex iservu fuq il-Kumitat tal-Kultura li se jkun qed jiċċerja. Dawn huma is-Sa Antonia Holden, is-Sa Michelle Calleja, is-Sur Adrian Zahra u s-Sur Michael Bondin. Il-Kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni dwar dan il-persuni. | Kumitat tal-Kultura |
| 10.13.09 | Is-Sur Rudolph Grima issuġġerixxa lill-Kunsill, li tinżamm esebizzjoni nhar il-25 ta' April fis-sala tal-Kunsill. Għal dan ma kien hemm l-ebda' oġġezzjoni mil-kunsillieri. | Esebizzjoni |
| 10.13.10 | Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-attakk mill-iżviluppaturi li qed isir fir-Rabat biex zoni residenzjali jsiru zoni ta' catering establishments speċjalment ristoranti u bars. Dawn qed ikissru l-paċi bir-riżultat illi r-residenti qed ikollhom jitilqu mir-Rabat. Bħala eżempju semma Triq Indri Borg fejn hemm applikazzjonijiet f'dan is-sens. Dwar dan, is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq is-suġġeriment ta' Triq San Pawl | Attakk mill-iżviluppaturi |

| | | |
|---|---|---|
| | biex issir pedonali. Hija qalet illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, ma tixtieqx tara imwejjed u siġġijiet mitluqin fit-triq mingħajr ma wieħed ikun jista jgħaddi b'emerġenza bħalma qed isir f'inħawi oħra. | |
| 10.13.11 | Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq in-nuqqas ta' ko-ordinament li kien hemm fil-*Hill Climb* li nżammet nhar il-Ħadd, 6 ta' April f'Fomm ir-Riħ. Hu issuġġerixxa li meta terġa' ssir hemmhekk, il-Kunsill jinforma lill-pubbliku fuq il-paġna tiegħu ta' Facebook peress li din taffettwa lir-residenti tal-Baħrija. | Hill Climb |
| 10.13.12 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq Googlemaps li qed titfa' lill-istranġieri fi Triq Bir Iljun meta din it-triq fil-fatt hija dejqa ħafna u l-vetturi qed jeħlu hemmhekk. Se naraw lil min se nikkuntattjaw dwar din is-sitwazzjoni. | Googlemap |
| 10.14 | **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Mejju 2025 fil-5.00pm u din il-laqgħa spiċċat fit-20:00. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 7 ta' Mejju 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku